SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 5511

Ilum it-Tlieta, 21 ta' Ġunju 2011
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30pm.

### PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea u Joseph Bonello.

### ASSENTI

Il-Kunsilliera Paulette Gafa` skużata minħabba mpenju ta' xogħol.

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 5411 li saret nhar il-Ħamis, 19 ta' Mejju 2011 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Resurfacing* ta' toroq bl-iskema PPP

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għal minuta 8.4 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet dwar is-sejħa għall-offerti RR(PPP) 57/11/02. Is-Sindku qal li din l-offerta qiegħda fuq l-aġenda u ser tiġi diskussa waqt din il-laqgħa.

### 1.1.2 Tea Room

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 8.3 u staqsa kienx hemm xi żvilupp dwar il-proġett tat-Tea Room. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' joħroġ *notice of interest* fejn jiġu ppubblikati l-pjanti tal-permess u jara xi proposti jkollu. Saret referenza għal kiosk fil-Picnic Area u għandha tiġi kkonsultata l-Perit tal-Kunsill dwar f'hix waslu l-affarijiet.

**1.1.3** Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 4.5 u staqsa jekk inżabritx is-siġra li kienet qed tesporġi fuq il-bankina fi Triq l-Istefanotis. Huwa ġie nfurmat li kienet inżabret mis-sid tad-dar fejn kienet miżrugħha. Is-Sur Bonello semma wkoll tappiera tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma li tinsab fl-istess triq u li kellha bżonn manutenzjoni. Is-Sindku qal li kien ser imur jara x'hemm bżonn.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn id-19 ta' Mejju 2011 u l-21 ta' Ġunju ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 629/11/O – Direttur Dipartiment għall-Gvern Lokali – Garaxx numru 10, Triq id-Dawl

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 670/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 52/2011 – *Car Free Day* 2011
- 681/11/I – Transport Malta – Servizz ta' *reserved parking*
- 694/11/I – Għaqda tan-Nar San Gabriel – Ittra ta' ringrazzjament
- 701/11/I – Frank Salt Real Estate Ltd. – *Request for permit*
- 703/11/I – Kumitat tal-Festa Marija Annunzjata – Ittra ta' ringrazzjament
- 716/11/I – Transport Malta – Sistema ta' *ony way* f'Santa Luċija
- 718/11/I – China Cultural Centre – *China Summer Film Festival*
- 723/11/I – Veterinary Officers – *Microchip for dogs*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 670/11/I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-*Car Free Day* li ser issir f'Settembru. Il-Kunsill qabel ukoll li għal din l-okkażjoni jorganizza tlett attivitajiet li huma *Fun Run*, *Picnic* għal komunita' u *Cycling Around* Santa Luċija.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 681/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li r-*reserved parking* fi Triq Maria De Domenicis kien approvat minn Transport Malta u diġa saru l-marki tat-toroq għal din ir-*reserved parking bay*.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 694/11/I u 703/11/I il-Kunsill innota ż-żewġ ittri ta' ringrazzjament ta' l-Għaqda tan-Nar San Ġabriel u tal-Kumitat tal-festa Marija Annunzjata.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 701/11/I il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' rappreżentanti ta' Frank Salt Ltd. dwar il-proposta li qed jagħmlu dwar *pavement safety barriers*.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 703/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li Transport Malta kienet approvat it-talba tal-Kunsill biex diversi toroq isiru *one way*. Huwa qal li din il-proposta trid tiġi mplimentata fi żmien tlett xhur. Għaldaqsant għandu jiġi nfurmat il-kuntattur tal-marki u tabelli tat-toroq u tinġieb kwotazzjoni tax-xogħol involut.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 718/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li ċ-China Cultural Centre qed jipproponi li r-raba' edizzjoni taċ-*China Summer Film Festival* issir fil-Ġnien Ċiniż. Huwa qal li din ser issir f'Awwissu u l-Kunsill qed jintalab jipproponi tlett dati għal dan l-avveniment. Il-Kunsill qabel li jipproponi l-perjodu ta' bejn it-12 sas-16 ta' Awissu 2011.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 723/11/I il-Kunsill qabel li joħroġ avviż dwar il-proposta li qed jagħmlu tlett veterinarji dwar *microchip* għal klieb.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Xogħol ta' Major Patching fi Triq Katerina Vitale*

Is-Sindku rrefera għal *memo* SLLC 11/2011 u qal li bħala kumpens għal xi nuqqasijiet fix-xogħol hawn fuq imsemmi, Asfaltar Ltd. ser ikunu qed jagħmlu xogħol ta' *resurfacing* fi Triq iż-Żafran li jinkludi wkoll l-*access ramp* li hemm f'din it-triq. Dan ix-xogħol ser isir mingħajr l-ebda spiża għal Kunsill.

### 4.2 *Garaxx Triq id-Dawl*

Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Kunsill għad-devoluzzjoni ta' garaxx numru 10 fi Triq id-Dawl, Santa Luċija. Huwa qal li għalkemm il-Kunsill għadu ma rċieva xejn dwar din l-applikazzjoni jidher li dan il-garaxx ingħata lil xi individwu b'kera. Huwa qal li jekk hu hekk dan huwa nuqqas serju min-naħa tad-dipartiment u l-Kunsill ser ikun qed isegwi dan il-każ. Huwa qal li l-Kunsill kiteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali u ser iżomm għajnejh mifuħa għal kull żvilupp li jista' jkun hemm f'dan ir-rigward.

### 4.3 *Librerija Pubblika*

Is-Sindku ta rendikont tax-xogħol li għaddej bħalissa fuq il-post li fih ser titwaqqaf librerija pubblika. Huwa qal li l-post huwa lest u jonqsu biss l-għamara. Huwa qal li ser toħroġ sejħa għal-xiri u nstallazjoni ta' żewġ *air conditioners* u oħra għal xiri ta' materjal għall-ixkaffar.

### 4.4 *Korsijiet tal-Computer TCTC*

Il-Kunsill ġie nfurmat li ma kien hemm l-ebda nteress mir-residenti għal kors e-tfal li kien qed jiġi offrut mill-Kunsill bill-kollaborazzjoni tat-TCTC. Il-Kunsilliera Caroline Galea ipproponiet li jsiru korsijiet tal-*computer* għall-anzjani f'Ottubru 2011. Is-Sindku qal li hekk kien il-ftehim li jekk ma jkunx hemm rispons għall-korsijiet tat-tfal isir wieħed f'Ottubru għall-adulti.

## 4.5 Sejħa għal kwotazzjonijiet

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet kif gej:

Kwotazzjoni SLLC Q(57/11/03) - Xiri u nstallazzjoni ta' żewġ *airconditioners* għall-librerija pubblika,

Kwotazzjoni SLLC Q(57/11/04) - Provista ta' servizz ta' tisqija ta' *green areas* u ċanet ġo Santa Luċija.

Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li dawn il-kwotazzjonijiet jagħlqu fis-27 ta' Ġunju 2011 f'nofsinhar.

## 4.6 *Immaniġjar ta' Bring in Sites*

Il-Kunsill iddiskuta l-andament ta' l-immaniġjar tal-*bring in sites* f'Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li issa l-kuntrattur ingħata ċans biżżejjed biex itejjeb is-servizz iżda dan baqa' sejjer mill-ħażin għall-għar. Is-Sindku qal li lanqas il-kuntrattur li jiġbor il-borża l-griża kull nhar ta' tlieta għan-nom ta' Green MT mhu qed jitħallas għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li jinforma lid-Dipartiment b'din is-sitwazzjoni u jibda l-proċedura biex iwaqqaf dan il-kuntratt u jidħol fi ftehim mal-kuntrattur alternattiv għal dan is-servizz.

## 4.7 *Ilmenti u suġġerimenti mir-residenti*

Il-Kunsill innota lmenti minn resident dwar is-servizz tat-trasport pubbliku u suġġeriment biex Triq il-Ġnien issir *one way*. Fir-rigward ta' l-ilment is-Sindku qal li l-Kunsill qed jgħaddi l-ilmenti tar-residenti lil kumpanija ARRIVA kif ukoll lil Transport Malta. Fir-rigward tas-suġġeriment biex Triq il-Ġnien issir *one way*, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jivverifika jekk din il-proposta hix inkluża fil-*one way system* li qed jipproponi l-Kunsill għal diversi toroq f'Santa Luċija.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3576 sa numru BOV3617 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Mejju (CM5511).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 5411(19/05/11).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Mejju 2011 Ammont *Gross* *€4972.78*

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ammont |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv. Mejju11 | 2859.50 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv. Mejju11 | 1313.53 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv. April 11 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Serv. April 11 | 2778.75 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. Mejju11 | 2061.50 |
| Cleansing Serv.Dept. | PC57 | Serv. Mejju11 | 507.73 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX-Mejju 11 | 94.57 |

## 6. RAPPORT FINANZJARJU GĦAL PERJODU JANNAR 2011 SA MARZU 2011

Il-Kunsill iddiskuta rapport finanzjarju mħejji mill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Patrick Caruana li kien preżenti għal din il-laqgħa. Is-Sur Caruana ta rendikont tad-dħul u ħruġ finanzjarju tal-Kunsill għal perjodu hawn fuq imsemmi. Fil-kummenti tiegħu is-Sur Caruana qal li l-Kunsill miexi skond il-*budget* għas-sena 2011. Huwa qal li f'dawn l-ewwel tlett xhur tas-sena l-Kunsill ħareġ flus aktar milli daħħal peress li ttieħed *accrual* tal-flus li jridu jitħallsu għax-xogħol ta' *major patching* li sar fi Triq Katerina Vitale u Triq il-Fortizza.

## 7. ĠIEĦ SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta nominazzjoni għal premju 'Ġieħ Santa Luċija' għas-sena 2011. Din in-nominazzjoni saret mis-Sur Francis Agius, resident li xtaq jinnomina lis-Sur Siro Camilleri għal ħidma volontarja tiegħu mal-Kunsill fil-qasam tal-kultura u attivitajiet marbuta maż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel ma' din in-nomina. Is-Sindku ppropona wkoll li peress li din is-sena hija s-sena tal-volontarjat dan il-Ġieħ jingħata wkoll li Sr. Antida li tmexxi l-kor tat-tfal 'Angelic Voices'. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba tibda l-arranġamenti neċessarji marbuta ma' l-għoti ta' 'Ġieħ Santa Luċija 2011'.

## 8. JUM SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li ser jittellgħu fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija, li din hija waħda speċjali peress li taħbat il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif ta' din il-lokalita'. Dawn kienu jinkludu l-inawgurazzjoni ta' l-iskulura taċ-ċeramika li saret għal din l-okkażjoni speċjali, il-quddies u *talent show* li ser jittellgħu fi Pjazza 7 ta' Lulju 2011 u *Football Tournament* li ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Football Nursery. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat lista ta' spejjeż involuti għal dawn l-attivitajiet. Dawn l-ispejjeż li lista tagħhom tidher hawn taħt ġew approvati mill-Kunsill.

| ***Description*** | ***Ammont(€)*** |
|---|---:|
| *T-Shirts* | 425.42 |
| Palk | 354.00 |
| Dawl | 437.78 |
| *Sound* | 796.50 |
| Tinda | 259.60 |
| *Screening* | 295.00 |
| *Mobile Toilets* | 59.00 |
| Kantanta - Floren | 150.00 |
| *Filming* | 413.00 |
| Inviti | 21.24 |
| Murtali | 285.00 |
| *Tokens* | 292.20 |
| Siġġijiet u mwejjed | 173.36 |
| *Flower arrangements* | 60.00 |
| **TOTAL** | **4022.10** |

## 9. KWOTAZZJONIJIET SLLC Q(57/11/01)

Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-kwotazzjonijiet li rċieva fir-rigward tas-sejħa għall-offerti għal xiri u nstallazjoni ta' 4 LED *floodlights* għal 5-*a-side football pitch*. Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienu ntalbu xi kjarifikazzjonijiet mill-kuntrattur li tefa' l-orħos offerta iżda dan baqa' ma bagħtx l-informazzjoni rikjesta. Rigward it-tieni l-orħos offerta, is-Sindku qal li baqa' biss li tiġi kkonfermata l-garanzija. Il-Kunsill ser jinżamm infurmat b'kull żvilupp f'dan ir-rigward.

## 10. SEJĦA GĦALL-OFFERTI RR(PPP) 57/11/02

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa għall-offerti RR(PPP) 57/11/02 li għalqet f'nofsinhar tat-13 ta' Ġunju 2011. Għal din is-sejħa ntefgħat offerta waħda dik ta' Ritemix (Gatt Bros.) Ltd. Is-Sindku qal li din l-offerta hija €83,000 għola mill-istima li kellu l-Kunsill u dan barra l-ispiża nvoluta fuq ix-xogħol rikjest mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Huwa qal li bħalissa l-Perit tal-Kunsill qed tagħmel evalwazzjoni tar-rati mitfuha. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jinforma d-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din is-sitwazzjoni u jitlob il-gwida tiegħu.

## 11. SEJĦA GĦALL-OFFERTI (PC) 57/11/01

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa għall-offerti (PC) 57/11/01 li għalqet f'nofsinhar tat-Tnejn, 20 ta' Ġunju 2011. Għal din is-sejħa ntefgħat offerta waħda dik ta' Ritemix (Gatt Bros) Ltd. Din l-offerta kienet viċin ħafna ta' l-istima u l-*budget* li kellu l-Kunsill għal dan il-proġett. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt jingħata lil Ritemix (Gatt Bros) Ltd.

## 12. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ħamis, 14 ta' Lulju 2011 fit-8.00 a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati Ilum il-Ħamis, 14 ta’ Lulju 2011**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**